**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA Tat-2 ta' Novembru, 2001.**

**KAWZA NRU. 1**

**Citazzjoni numru 1615/01**

**N. Cordina Marketing Ltd.**

**Vs.**

**Crown Hotels Limited**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ippremettiet:-

Illi is-socjeta attrici hija debitrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' tnax il-elf seba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm12,735,58) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merca mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici u dana kif jirizulta mill-anness statement Dok. NC1;

Illi dan il-kreditu tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u dovut u dana kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata Dok. NC2;

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas u dana anke permezz ta' ittra ufficjali, s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex m'handiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu l67 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta konveuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tnax il-elf seba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lml2,735.58) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Marzu, 2001 u bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talba attrici;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta provata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talba tal-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur